**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**George Attard ta' 36 sena iben John u l-mejta Guza Sillato li joqghod 'Casa Nuova', Triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex.**
**Karta tal-Identita Nru. 24464(G)**

Illum 6 ta' Gunju, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar l-4 ta' Jannar, 2001 ghall-habta tat-3.15pm u anke fis-sieghat ta' qabel, f'garage ta' 'Nuova Casa' fi triq Wied Sara, Rabat, Ghawdex, ezercita s-sengha ta' mastrudaxxa minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u aktar talli hadem sengha li biha kkaguna hsejjes u dejjaq lill-gara tieghu Giorgina Azzopardi.

Semghet l-provi u l-ammissjoni fuq l-ewwel akkuza;

Issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza.

Rat l-artikoli 181 u 319 tal-Kap 10;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25);

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza stante li ma tirrizultax.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur